MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 42/2007

**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004), skond certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni u ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

3. Illi l-kunsens ta' l-intimat inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m' ghandux minn din il-Qorti:

Jigi dikjarat u deciz illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erba' (2004) huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha rrisponda li, filwaqt li huwa jaqbel li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null fil-ligi, it-tort huwa unikament mputabbli lill-attrici, u ghalhekk m' ghandux ibati spejjez;

Rat ir-relazzjoni tal-Psikoterapista David Parnis, minnu konfermata bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-10 ta' Ottubru 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Ottubru 2004 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa tmien [8] snin. Wara sena ta' konvivenza matrimonjali, il-partijiet

isseparaw de facto, u fl-24 ta' Frar 2006 huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Jirrizulta li kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll, u izjed, wara z-zwieg, il-konvenut kien jzomm certu distanza minn ma' l-attrici li minn naha taghha, peress li l-konvenut kien jahdem sieghat twal kemm lejn l-ahhar tal-perijodu ta' gherusija kif ukoll wara z-zwieg, hija accettat b' riluttanza din is-sitwazzjoni; izda wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat, b' mod li kienet dahhlet il-bruda bejniethom, minn naha tal-konvenut, anke fir-relazzjonijiet intimi.

L-attrici tilmenta hekk: "Kien literally jaghlaqli barrier kbir, jigifieri ma stajt nistaqsih xejn."[1] Hija tghid li ma kienx hemm daqshekk intimita', peress li l-konvenut kien biered hafna, "fil-fatt anke kien jorqod fuq is-sufan, u jien norqod fis-sodda fuq, u nistennih jitla' u ma jitlax."[2] Tghid li f' okkazzjoni minnhom circa <u>sitt xhur</u> wara z-zwieg, "kont qieghda fuq is-sufan, u qalli 'A jiena ddecidejt li rrid nissepara' u hadt xokk ghax ghidt dan hekk mix-xejn." Fl-ahhar "irrealizzajt li ma nistax nibqa' nghix ma' xi hadd li ma jridnix."

Illi dawn il-fatti ma gewx kontestati.

Illi l-psikoterapista li kien ghamel zmien twil jipprova jghin lill-partijiet, fir-rapport tieghu jghid li wara li huwa kien ezamina liz-zewg partijiet, u, filwaqt li kkonstata li "it is clear that they should not be diagnosed with personality disorder or as suffering from psychiatric illness…. Nevertheless, C D was not psychologically prepared, fully mature and psychologically capable of judging himself ready for the obligations of a marital commitment…. Cs' D decision to get married was weighed down with ambiguous and traumatic childhood emotions."[3]

Fid-deposizzjoni tieghu l-istess psikoterapista jkkonferma li l-problemi f' din ir-relazzjoni kienu bdew qabel iz-zwieg, u komplew wara z-zwieg. Huwa jikkonferma li qabel iz-

[1] Dep. Fols.37 *et seq.*
[2] Ibid.
[3] Rapport fol.75

zwieg il-konvenut kien jipprezenta ruhu mdejjaq "kellu dwejjaq ghax hu ma xtaqx jizzewweg….. [izda] hass l-obbligu, anke biex ma jonqos lejn [l-attrici] u lejn il-genituri tieghu, kien hemm il-preparamenti anke ghan-nies tal-madwaru s-socjeta'; imma ma hassx, ma kellux, aktar, milli kuragg, il-maturita' emozzjonali, psikologika li jwaqqaf kollox, u jghid li jiena, m' hinix ippreparat ghaz-zwieg."[4]

Rigward il-posizzjoni segwenti z-zwieg, l-istess xhud jghid li "qisu [il-konvenut] ma setax ikompli aktar fiz-zwieg, fl-obbligi matrimonjali, dak li jinkludi li joqghod ma' A, u jkunu aktar hinijiet flimkien."[5]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-assjem tal-provi l-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat. Mill-provi jirrizulta car li, ghalkemm il-konvenut esternament ghadda minn ceremonja ta' zwieg, izda nternament u b' att posittiv tal-volonta' tieghu huwa eskluda l-konvivenza matrimonjali ma' l-attrici, diretta lejn il-benessere reciproku. Jirrizulta manifest li l-konvenut ma riedx jizzewweg lill-attrici, izda fatturi, interni u esterni, li hu ma kellux kontroll fuqhom, impedewh milli jasserixxi din ix-xewqa tieghu, u kienu ta' xkiel ghal ghazla libera da parti tieghu. Dan jispjega l-komportament tieghu, li ezatt wara l-honeymoon huwa kien ghaddas rasu fix-xoghol u sistematikament kien eskluda lill-attrici, allura martu, minn hajtu, tant li dina kienet thoss li kien hemm barriera bejniethom; u eventwalment hasset li ma setghetx tibqa' tghix ma' min ma ridhix.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, imputabbli unikament lill-konvenut.

---

[4] Fol.54
[5] Fol.56

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-10 ta’ Ottubru 2004. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------